# Ħarsa ġenerali ta’ Programm Ġdid għall-Kura tal-Anzjani fid-Dar

## Karta ta’ Diskussjoni

Il-kura tal-anzjani fid-dar tissapportja madwar 1 miljun Awstraljani akbar fl-età. Dawn is-servizzi jvarjaw minn trasport u tindif fid-dar sa kura klinika, bħal nersink u ‘allied health’ (servizzi tas-saħħa li għandhom x’jaqsmu magħhom)

Il-biċċa l-kbira tal-persuni jridu joqgħodu d-dar għall-itwal żmien possibbli. Hu vitali li s-servizzi jistgħu jitwasslu u huma effettivi fl-issapportjar tal-indipendenza tagħhom.

Is-sistema kurrenti tal-kura tal-anzjani fid-dar tinkludi 4 programmi ffinanzjati mill-gvern:

1. Programm tal-Commonwealth tas-Sapport fid-Dar (CHSP) jipprovdi servizzi fil-livell tad-dħul biex jissapportja Awstraljani akbar fl-età rigward l-għajxien tagħhom ta’ kuljum.
2. Pakketti tal-Kura fid-Dar (HCP) jgħinu Awstraljani akbar fl-età li għandhom bżonnijiet komplessi tal-kura biex jgħixu indipendentement u mingħajr periklu d-dar.
3. Kura Restorattiva għal Żmien Qasir (STRC) tgħin Awstraljani akbar fl-età jimmaniġġjaw u jadattaw għall-bżonnijiet tagħhom li qed jinbidlu rigward il-kura tal-anzjani.
4. Respajt residenzjali tgħin Awstraljani akbar fl-età jibqgħu f’dar tal-kura tal-anzjani għal żmien qasir. Ir-respajt jista’ jiġi organizzat bil-quddiem u jkun disponibbli f’sitwazzjonijiet mhux mistennija.

Hekk kif kien spjegat fil-qosor mill-Kummissjoni Rjali dwar il-Kwalità tal-Kura tal-Anzjani u s-Sigurtà (Il-Kummissjoni Rjali), is-sistema kurrenti tal-kura tal-anzjani fid-dar teħtieġ titjieb.

Il-problemi li tqajmu jinkludu:

- Il-ħinijiet tal-istennija għall-kura huma twal wisq.
- L-arranġamenti tal-programm huma konfużi.
- Il-miżati tal-amministrazzjoni huma għoljin wisq.
- Is-servizzi mhumiex dejjem mmirrati sew.
- L-Awstraljani Akbar fl-Età mhux dejjem jiksbu l-għajnuna li għandhom bżonn biex tissapportja l-indipendenza tagħhom.

**Għidilna x’taħseb dwar il-programm il-ġdid għall-kura tal-anzjani fid-dar.**

**Is-sottomissjonijiet huma miftuħa sal-25 ta’ Novembru 2022, onlajn jew permezz tat-telefon.**

## Kif qed jirrispondi l-Gvern?

Il-Gvern Awstraljan hu impenjat li jirriżolvi l-problemi fil-programmi kurrenti dwar il-kura tal-anzjani. Dan ser jibda billi jisma' lill-persuni li jużaw u jwasslu dawn is-servizzi.

Skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Rjali, il-Gvern qed jiżviluppa programm ġdid tal-kura tal-anzjani fid-dar, li ser jibda fl-1 ta' Lulju 2024.

Il-programm il-ġdid tal-kura tal-anzjani fid-dar għandu:

- Jkun sempliċi biex tużah u tifhmu, bi proċess wieħed tal-evalwar qabel ma wieħed jirċievi l-kura.
- Jagħti lill-persuni l-kapaċità li jkunu jistgħu jużaw servizzi li għandhom bżonn, mingħajr periklu u ta' kwalità għolja.
- Jagħti lill-persuni għażla vera u kontroll biex jiddeterminaw is-servizzi li jirċievu.
- Ikollhom miżati fieri u trasparenti li jaraw li l-fondi jwasslu kura ta' livell għoli.

Il-Gvern hu impenjat li l-persuni li huma ssapportjati permezz tal-programmi eżistenti tal-kura tal-anzjani ffinanzjati mill-Commonwealth mhux ser jitilfu kwalunkwe servizz eżistenti taħt il-programm il-ġdid.

## Dwar il-konsultazzjoni

Id-Dipartiment tas-Saħħa u tal-Kura tal-Anzjani (id-dipartment) qed jipprepara karta ta' diskussjoni biex jikseb kummenti dwar ir-riformi fis-sistema tal-kura tal-anzjani fid-dar.

Il-karta tad-diskussjoni ser tkopri fuq fuq:

- Il-5 punti prinċipali li ser tiffoka fuqhom għad-disinn.
- Mistoqsijiet biex jgħinu jinfurmaw il-kummenti tiegħek.
- Mudell indikattiv dwar kif l-programm tal-kura tal-anzjani fid-dar għandu mnejn jidher.

## Ħarsa fuq fuq tal-karta tad-diskussjoni

### 1. Tagħmilha sempliċi u faċli għall-Awstraljani akbar fl-età biex jimmaniġġjaw il-kura tagħhom infushom stess.

#### Tissimplifika l-aċċess għall-kura tal-anzjani fid-dar

Ħafna Awstraljani akbar fl-età jsibuha bi tqila jinnavigaw is-sistema tal-kura tal-anzjani fid-dar. Waħda mir-raġunijiet hi l-fatt li organizzazzjonijiet differenti huma responsabbli għall-evalwar tal-persuni, għall-programmi differenti. Din toħloq konfużjoni u tista' twassal għal ħafna evalwijiet biex persuna tkun tista' tikseb il-programm li jgħodd għaliha.

Tista' wkoll toħloq konfużjoni meta jkollok tinnaviga it-tliet programmi differenti tal-kura tal-anzjani fid-dar aktar u aktar meta l-bżonnijiet tal-kura jinbidlu. Pereżempju, persuni li jirċievu

servizzi tal-livell tad-dħul skont is-CHSP spiss jkollhom ibiddlu l-provveditur meta jidħlu fil-HCP meta l-bżonnijiet tagħhom tal-kura tal-anzjani jiżdiedu.

Biex jagħmluha aktar faċli għall-ksib tal-kura tal-anzjani, ir-riformi ser joħolqu programm wieħed bi proċess wieħed tal-evalwar.

### Aktar għażla u kontroll fuq is-servizzi

Skont il-programm tal-HCP, Awstraljani akbar fl-età jridu jużaw provveditur wieħed biex iwassal is-servizzi kollha tagħhom tal-kura tal-anzjani fid-dar. Dan jista' jwassal għal ħafna sfidi. Pereżempu, xi fornituri għandhom mnejn ma joffrux l-istess livell ta' kwalità u valur tal-flus għax xogħol li jsir fuq il-firxa tat-tipi tas-servizzi kollha li huma jwasslu.

Il-programm il-ġdid għandu jippermetti lill-persuni l-għażla li jagħżlu bejn provveditur wieħed u jew iżjed minn wieħed.  Din l-għażla tista' tgħin Awstraljani akbar fl-età jiksbu l-kura li l-aktar tgħodd għall-bżonnijiet tagħhom.

Biex jiġri dan, id-dipartiment qed jesplora arranġamenti ġodda ta' pagament. Dan jista' jinvolvi pjattaforma (metodu) ġdida ta' pagament biex tagħmel aktar sempliċi il-proċess biex jitħallsu l-provvedituri tas-servizz.

## 2. Nerġgħu nagħtu tifsira tar-rwol tas-sieħba tal-kura fit-twassil tal-aħjar prattika fl-immaniġjar tal-kura

L-immaniġjar tal-kura jista' jinkiseb taħt il-programm HCP u Awstraljani akbar fl-età talbu għal ċarezza dwar ir-rwol tal-maniġers fil-koordinazzjoni tal-kura tagħhom. Il-konsultazzjoni għamlet enfasi fuq il-bżonn li l-maniġment tal-kura għandu jkun sħubija ġenwina mal-Awstraljani akbar fl-età biex niżguraw l-aħjar kura

Mela l-programm il-ġdid ser jerġa' jagħti tifsira ta' dan ir-rwol. L-imsieħba tal-kura ser jipprovdu sorveljanza klinika u monitoraġġ għall-Awstraljani akbar fl-età biex jirrispondu għall-bidla fil-bżonnijiet. Huma ser jgħinu jikkoordinaw is-servizzi u jżommu għajnejhom fuq il-klijenti biex jiżguraw is-sigurtà u l-benesseri kontinwu tagħhom.

Il-maniġment tal-kura għandu bżonn ukoll li jkun lest jgħin lill-Awstraljani kollha akbar fl-età, mhux biss dawk li għandhom bżonnijiet kumplessi. Pereżempju, l-imsieħba tal-kura għandhom ikollhom rwol fl-għoti tal-għajnuna lill-Awstraljani akbar fl-età li jagħżlu jimmaniġġjaw il-kura tagħhom stess. Id-dipartiment qed jaħdem biex jilħaq dan il-għan, waqt li jqies kif jara li l-esperti li huma skarsi jgħinu lil dawk li l-aktar għandhom bżonnhom.

## 3. Il-ħlas tal-ispejjeż kollha tal-kura jitħallsu waqt li jiksbu l-aħjar servizz għall-flus imħallsa

L-Awstraljani akbar fl-età wrew tħassib għax mhux qed jirċievu l-aħjar servizz għall-flus li ħalsu lill-provvedituri tal-kura fid-dar. Ħafna ħalsu miżati għoljin tal-amministrazzjoni u tal-maniġment tal-kura u ma kienx hemm biżżejjed trasparenza dwar għala tħallsu dawn il-

miżati. Minn naħa l-oħra, il-provvedituri tas-servizz għafsu fuq il-fatt li l-prezzijiet iridu jkopru l-ispiża totali tat-twassil tas-servizz.

Il-Gvern hu impenjat li jtejjeb l-arranġamenti tal-finanzi u jingħataw servizzi ta' kwalità tajba biex jiżguraw li l-Awstraljani akbar fl-età jirċievu s-servizzi li jkunu jistgħu jħallsu għalihom, bla periklu u ta' kwalità għolja.

Mela, id-dipartiment qed jiżviluppa mudell ġdid ta' finanzjament. Il-mira tiegħu ser tkun li tagħmel li l-ispiża tas-servizzi jirrappreżentaw il-valur tal-flus għas-servizz li jkun ingħata għall-gvern u għall-Awstraljani akbar fl-età. Permezz kemm tal-finanzjament tal-għotjiet kif ukoll ta' pagamenti bbażati fuq l-attività, dan għandu jgħin lill-fornituri jkollhom il-mezz biex jaħdmu b'mod effettiv.

Id-dipartiment ser jaħdem mal-Awtorità tal-Prezzijiett Indipendenti tas-Saħħa u tal-Kura tal-Anzjani biex jiżviluppaw prezzijiet realistiċi għal kull servizz li jinkludu l-amministrazzjoni, l-ivvjaġġar u spejjeż oħra. Fil-każ ta' xi tipi ta' servizzi, bħal trasport komunitarju u sapport soċjali tal-grupp, dan ser ikun ikkumplimentat minn għotjiet biex jgħin lill-provvedituri tas-servizz tal-servizz ilaħħqu mal-ispejjeżż fissi tagħhom. L-għotijiet ser jintużaw biex ikun hemm servizzi oħra f'żoni bħal postijiet rurali u remoti fejn jista' jkun hemm nuqqas ta' provvedituri.

Persuni li jistgħu jħallsu għall-parti tal-ispiża tal-kura tagħhom huma mistennija jagħmlu dan skont il-programm il-ġdid.

## 4. Nirrispondu b'mod li nkunu nistgħu nadattaw għall-bżonnijiet li qed jinbidlu tal-Awstraljani akbar fl-età

### Titjib fil-proċess tal-evalwar

Hu importanti ħafna li naraw li l-evalwar tal-kura tal-anzjani jkun xieraq. Dan ser jikkonettjaw Awstraljani akbar fl-età mal-livell tal-kura li ser jissodisfa l-bżonnijet u l-finanzjament dirett tagħhom biex ilaħħaq mal-bżonnijiet tagħhom.

Biex nilħqu dan il-għan, id-dipartiment ser jaħdem ma' HealthConsult, l-Università ta' Flinders u ċ-Ċentru Globali għall-Anzjanità Moderna biex jiżviluppa u jittestja għodda tal-evalwar ġdid u sistema ta' klassifikazzjoni. Sar esperiment inizjali tal-għodda tal-evalwar kmieni fis-sena 2022 u dawn il-kummenti ser joffri tagħrif għal esperimenti oħrajn.

### Finanzjament flessibbli biex iwieġeb għall-ħtiġijiet għall-bżonnijiet li qed jinbidlu

L-evalwar tal-kura tal-anzjani ser jagħti indikazzjoni f'ħin fiss tas-servizzi li persuna jista' jkollha bżonn biex tgħinhom jgħixu mingħajr periklu u indipendentement id-dar. Imma ċ-ċirkustanzi għall-persuni akbar fl-età u anki l-bżonnijet tal-kura tal-anzjani jistgħu jinbidlu.

Il-programm STRC jgħin persuni li ġarbu xi intopp biex jerġgħu jiksbu l-indipendenza tagħhom id-dar, imma l-ammont tal-flus hu limitat. L-Awstraljani akbar fl-età jrid ikollhom il-

kapaċità jadattaw għas-servizzi differenti li jirċievu hekk kif il-bżonnijiet tagħhom jinbidlu maż-żmien.

Fil-programm il-ġdid, il-provvedituri tas-servizz ser ikunu jistgħu jiksbu fondi ekstra biex jirrispondi għall-bżonnijiet tal-klijenti li qed jinbidlu. Pereżempju, jekk persuna għandha bżonn l-għajnuna rigward it-trasport għal żmien qasir, il-provveditur tagħhom jista' jitlob li jitħallas għas-servizzi ekstra minn sors tal-fondi.

### 5. Trawwim ta' innovazzjoni u investiment fil-futur għall-kura tal-anzjani fid-dar.

Dawn ir-riformi huma opportunità biex inrawmu idejat ġodda u investiment fuq firxa twila ta' żmien fis-sistema tal-kura tal-anzjani fid-dar. Pereżempju, indikaturi ġodda tal-kwalità u klassifikazzjonijiet li turi l-istilel tal-kwalità ser tħajjar lill-provvedituri jikkompetu rigward il-kwalità tas-servizzi tagħhom.

Dawn ir-riformi proposti ser jagħtu aktar ċertezza dwar l-arranġamenti tal-finanzjament, ir-regolazzjonijiet, u t-tkabbir fil-ġejjieni fis-settur tal-kura tal-anzjani. Dan għandu joħloq il-kundizzjonijiet adatti għall-investiment f'modi ġodda biex titwassal kura ta' kwalità għoli.

Il-programm il-ġdid ser ikollu finanzjament separat għal għajnuniet biex tkampa matul il-ġurnata, tagħmir u teknoloġija li tgħin, li għandhom irawmu l-aċċess għal teknoloġija ġdida biex tissapportja Awstraljani akbar fl-età jibqgħu jgħixu d-dar.  Għandhom mnejn ikunu meqjusa wkoll għażliet oħra bħal għotjiet oħra ta' innovazzjoni taħt dan il-programm.

## Kif ser ikun jidher il-programm il-ġdid tal-kura tal-anzjani fid-dar?

Il-mudell indikattiv ser iġib flimkien il-programm eżistenti tal-kura tal-anzjani fid-dar u jindirizza t-tħassib li tqajjem mill-Kummissjoni Rjali u konsultazzjonijiet li saru qabel. Tipproponi:

- L-evalwazzjoni tas-servizzi tal-kura tal-anzjani permezz tal-użu ta' għodda verifikati tal-evalwazzjoni.
- Sapport kmieni għall-indipendenza fid-dar, inklużi tagħmir li jgħinek tkampa d-dar u tagħmir u modifikazzjoni fid-dar.
- Pjani ta' sapport għall-servizzi kontinwi ta' kull xahar li jispjegaw fuq fuq il-livelli tas-servizz.
- Flessibilità għal klijenti biex jkunu jistgħu jadattaw is-servizzi skont il-bżonnijet tagħhom.
- Imseħbin tal-kura jkunu jistgħu joffru monitoraġġ kliniku u sapport hekk kif ikun hemm bżonn.
- Livelli ogħla potenzjali ta' sapport fid-dar, sakemm niksbu aktar tagħrif.
- Mudell imħallat tal-finanzjament għall-provvedituri tas-servizzi, li jgħaqqad pagament għas-servizz li trid tħallas għalih u li waqa' lura u firxa ta' għotjiet ta' sapport.
- Żvilupp tal-programm biex jissodisfa il-bżonnijiet ta' popolazzjoni li qed tixjieħ.
- Regolament li ser ikun jgħodd għall-livell tar-riskju.

- Ġbir ta' dejta b'mod awtomatiku dwar it-twassil tas-servizz biex intejbu r-rapportaġġ u s-sorveljanza tal-gvern.

## Kif tesprimi l-opinjoni tiegħek

Aħna nilqgħu l-kummenti tiegħek dwar il-mudell indikattiv u l-mistoqsijiet li tqajmu fil-karta tad-diskussjoni Bis-sapport u l-kummenti tiegħek aħna nistgħu noħolqu programm aħjar ta' kura tal-anzjani fid-dar.

Int tista' tgħaddi l-kummenti tiegħek billi tuża il-formola onlajn, itella' sottomissjoni bil-miktub jew billi ċċempel 1800 318 209.

Is-sottomissjonijiet ser ikunu miftuħa sal-25 ta' Novembru 2022.

Ċempel **1800 318 209**
(Linja telefonika bla ħlas tar-Riforma tal-Kura tal-Anzjani)

Żur **agedcareengagement.health.gov.au**

Għas-servizzi tat-traduzzjoni u tal-interpretar, ċempel 131 450 u staqsi għal My Aged Care fuq 1800 318 209. Biex tuża s-Servizz tar-Relay Nazzjonali, żur nrschat.nrscall.gov.au/nrs jew ċempel 1800 555 660.